**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 2**

IT-TIENI PARTI TAL-LAQGĦA LI SARET NHAR
IT-TNEJN 13 TA' MEJJU 2013 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

i L-Aġent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace qal li kien stieden l-*accountant* sabiex waqt li jkun qiegħed preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill, ikun qed jipproponi, l-*Financial Statements* kif ġew emendati waqt l-Audit sabiex jiġu approvati. Dan sar sabiex ikun jista jagħti xi spjegazzjoni fuqhom f' kaz li jiġi mitlub.

Għaldaqstant l-Aġent Segretarju Eżekuttiv resaq għal approvazzjoni tal-Kunsill dawn il-*Financial Statements*.

Il-Kunsill approva b'mod unnanimu dawn il-*Financial Statements*.

## II KOMMUNIKAZZJONI MILL-AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i L-Aġent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace irrakomanda lil Kunsill li l-Kuntrattur tal-PVs li hu *Bajada New Energy* sabiex jingħata estenzjoni ta' tmien ġimgħat sabiex ikun jista' jlesti x-xogħlijiet meħtieġa.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jagħtih estenzjoni.

ii L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace ppropona li ndaħħlu *BOV Internet Banking View Only,* u l-Kunsill approva unanimament, għaldaqstant l-Agent Segretarju Ezekuttiv kellu jagħmel t-tħejjiet meħtiega sabiex tiġi mplimentata din id-deċiżjoni tal-Kunsill.

iii L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace informa l-Kunsilliera li kienet daħlet l-Allokazzjoni tas-Sena 2013. Hu nnota, li l-allokazzjoni kienet naqqset b'2,357 euro, li kienet imnaqqsa mit-*tipping fees*. Għaldaqstant l-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill mhux se jiġi affettwat b'dan it-tnaqqis, peress li l-Kunsill iħallas il-*wastserv* għat-*tipping fees* skond kemm jiġi allokat lilu mill-Gvern Lokali.

iv L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace informa l-Kunsilliera li parti mill-kont tat-Tender ta' *Upgrade of Open Areas* kif kien deċiż fil-laqgħa ta' qabel, kien tħallas peress li l-Perit G. Farrugia kien iċċertifika ix-xogħolijiet. Huwa qal ukoll li kellu talba mingħand l-istess kuntrattur sabiex jitħallas il-kumplament ta' xogħol li għamel. L-Aġent Segretarju Ezkuttiv Paul Pace irrakomanda lill-Kunsill sabiex qabel ma jitlesta x-xogħol kollu u ikun hemm il-*final certification* dan il-kuntrattur ma jitħallas iktar flus. Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-Agent Segretarju Ezekuttiv.

v L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace ippropona sabiex jinxtara *software* sabiex jintuza għal-*accounts (sage*) u *software* ieħor għal *payroll*. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace qal li qed jipproponi dawn sabiex il-Kunsill ikun konformi mal-liġi finanzjarja. Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal dwar dan il-proponiment, diġa kien hemm qbil fil-Legislatura ta' qabel sabiex dawn is-*software* jinxtraw.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament mal-proposti tal- Agent Segretarju Ezekuttiv.

vi L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace informa l-Kunsill li kien għamel it-tentattiv mal-ETC sabiex jiġu assenjati zewġ ħaddiema mal-Kunsill ta' Ta' Xbiex bħala parti mill-*Community Scheme Work*. Il-Kunsill apprezza din l-inizjattiva.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku Max Zammit tkellem fuq id-dekasteri u talab, li kull Kunsillier għandu jieħu ħsieb id-dekasteru tiegħu, b'mod responsabbli. Nsista li l-ammont ta' dedikazzjoni li tingħata fuq id-dekasteri konċernati, tirrifletti l-ħidma tal-Kunsill.

ii Is-Sindku Max Zammit qal li hemm bzonn li ssir lista tax-xogħolijiet li jrridu jsiru fil-Lokalita' ta' Ta' Xbiex biex ngħadduha lill-Onor Joe Mizzi Ministru tal-Trasport u Infrastruttura.

iii Is-Sindku Max Zammit talab ukoll li fejn tlesta x-xogħol tal- bankini jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli.

iv Is-Sindku Max Zammit informa lil Kunsilliera li kien tkellem mas- Sindku tal-Msida sabiex l-anzjani ta' Ta' Xbiex ikunu jistgħu jattendu d-*Day Centre* ta' l-Imsida sakemm il-quddiem il-Kunsill ta' Ta' Xbiex ikollu post fejn jistgħu jiltaqgħu l-anzjani ta' Ta' Xbiex. Dan l-arrangament qed issir billi l-anzjani jkunu irridu iħallsu € 2.33 għal darbtejn fil-ġimgħa ghal-xahar, fejn ikunu ntotolati għal *sandwich* u te'.

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qabel ma din il-proposta imma qal li l-ħolma tiegħu hi wkoll illi l-quddiem l-anzjani jkollhom *Day Centre* ġewwa Ta' Xbiex.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qabel ma din il-proposta u qal ukoll li taħt iż-żuntier tal-knisja, hemm ppjanat li ssir Centru Parrokjali, bi ftehim mal-Gvern Ċentrali. Il-Permess kien ħareġ.

Il-Kunsill qabel unanimament mal- proposta tas-Sindku.

.

v Is-Sindku M Zammit issuġġerixxa li titpoġġa *skip* fi Triq Enrico Mizzi ħdejn il-*bowling.* Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti u l-Kunsillier Eugenio Muscat ma qablux għax qallu li jerġa jibda jsir bħas-snin ta' qabel, kulħadd jiġi minn barra l-lokalita' u jitfa fiha u madwarha u b'hekk ikun hemm aktar ħmieġ u nkonvenjenza għar-residenti.

Il-Kunsillier A Cachia Castelletti ssuġġerixxa li ssir konsultazzjoni mar-residenti u jisma eżatt xi jridu n-nies.

vi Is-Sindku Max Zammit tkellem fuq il-fuljett ta' Ta' Xbiex it-Tmunier u nforma l-Kunsilliera biex kulħadd jieħu ħsieb ir-*writeup* tiegħu biex flimkien inġibu l-isponsors biex naħdmu fuqu.

vii Is-Sindku Max Zammit ippropona li għandhom jiġu aġġornati l-*website* u l-*facebook* tal-Kunsill li għalissa ħa jieħu ħsiebhom hu.

viii Is-Sindku Max Zammit tkellem dwar Jum Ta' Xbiex u ta' spegażżjoni ta' kif jixtieq li jkun imtellha l-programm ta' Jum Ta' Xbiex.

ix Is-Sindku Max Zammit ppropona sabiex il-Kunsill jorganizza Ġita' għas-Sajf għal lokalita' ta' Ta' Xbiex. Hu qal li kellu żewġ proposti, Ġita' għal Sqallija jew oħra għal Ruma. Wara li saret diskussjoni fit-tul fejn kienu involuti l-Kunsilliera kollha, wara diversi ideat ġie maqbul unanimament li għal din id-darba issir għal-Sqallija. Il-Kunsilleir Eugenio Muscat għamel suġġeriment jekk din il-ġita issir mill-Kunsill

Sar ġurament jekk dak inhar jistax il-Kunsill jagħmel attivita għall-skop filantropiku, basta l-prezz jibqa kif innhu jew inqas

Għaldaqstant kellhom isiru tħejjijiet sabiex iċ-ċittadini ta' Ta' Xbiex ikunu jafu fuq din il-Ġita'.

x Is-Sindku Max Zammit flimkien mal-Kunsilliera reġgħu iddiskuttew il-progett tan-***National Flood Relief Project*** li se jagħmel il-Gvern Ċentrali, liema proġett li l-Kunsill ma jaqbilx mal-mod ta' kif tbiddel ċertu xogħlijiet kif ukoll għal pożżizjoni ta' fejn kien ħa jiżbroffa fil-parti tax- Xatt ta' Ta' Xbiex żewġ kanuni.

Waqt il- laqgħa li kienet saret ftit qabel ma' l-uffiċċjali nkarigati mill-proġett mill Gvern Ċentrali u mal-kuntrattur flimkien mal-perit tagħhom, is-Sindku Max Żammit insista li għandu jsir *Embellishment* xieraq sabiex itaffi ftit fuq l-*Embellishment* ta' fejn kien ħa jiżbroffa l-ilma, kif ukoll sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent li kien se jinħoloq.

Il-*Project Manager* ta' dan il-proġett qal lil Kunsill li għandha jsir laqgħa iktar il-quddiem sabiex jiġi stabbilit x'għandu jitwettaq f'dan il-proġett bħalha *Embellishment*.

.

**KUNSILL LOKALI TA' XBIEX** **SEDUTA NUMRU 2 –13.05.13**
**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

## IV KOMMUNIKAZJONI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillier Eugenio Muscat ppropona li jkollna *Green Warden* pajżan bħall-qabel idur fil-lokalita', biex minn jinqabad jarmi boroz mhux fil-ġranet rispettivi, jingħata ċitazzjoni. Il-Viċl sindku Ronnie Portelli qabel ma dan.

Il-Kunsill qablu ma dan unanimament u s-sindkuu mmedjatament niżżilha fl-aġenda tiegħu għal-laqgħa li kien imiss tar-Reġjun sabiex jipproponieha, billi dawn jingħataw mir-Reġjun u mhux il-Kunsill iġibhom.

ii Il-Kunsillier Eugenio Muscat ppropona li ssir bandiera ġdida fis-*central strip* għax li hemm żgħira u kerha . Id-daqs tal-bandiera għandha tkun proporzjon għal-miżura ta' l-arblu.

Il-Kunsill qabel ma' dan.

Il-laqgħa spċċat fit- 8.30pm u sar ftehim li tissejjaħ laqgħa oħra nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm peress li l-Kunsill għandu ħafna xogħlijiet xi jwettaq matul dan ix-xahar.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv